

Brussell, 27 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6854/26

MIGR 61  
JAI 263  
ASIM 15  
SOC 120  
EMPL 51  
EDUC 67

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 462 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'29.1.2026 dwar li nattiraw it-talent għall-innovazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 462 final.

Mehmuż: C(2026) 462 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.1.2026  
C(2026) 462 final

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 29.1.2026**

**dwar li nattraw it-talent għall-innovazzjoni**

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'29.1.2026

## dwar li nattiraw it-talent għall-innovazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) L-attrazzjoni u ż-żamma ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'ħiliet speċjalizzati jew b'potenzjal qawwi ta' innovazzjoni, inklużi riċerkaturi, studenti u gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerija u l-matematika (STEM, science, technology, engineering, and mathematics), ħaddiema bi kwalifiki u b'ħiliet għoljin, fundaturi ta' startups, u intraprendituri innovattivi, huma essenzjali biex jinżammu t-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u t-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni.
- (2) L-attrazzjoni tat-talent għall-innovazzjoni hija partikolarment importanti f'setturi ewlenin għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, it-teknoloġija profonda u l-innovazzjoni fil-fruntieri tal-għarfien bħall-intelliġenza artifiċjali ("IA"), il-kwantum u s-semikondutturi, id-dinjiet virtwali, it-teknoloġiji nodfa u rinnovabbli (inkluża t-teknoloġija nukleari), il-bijoteknoloġija (inklużi l-applikazzjonijiet tas-saħħa u tal-bijoeconomija), il-manifattura u l-materjali avvanzati, u ċ-ċibersigurtà.
- (3) In-nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet f'setturi intensivi fl-innovazzjoni jdgħajjef il-kapaċità tal-Unjoni li tilħaq l-għanijiet tagħha. Dawn in-nuqqasijiet kważi rduppjaw mill-2015 u huma pproġettati li jippersistu, b'aktar minn nofs l-opportunitajiet ġodda ta' impjeg sal-2035 mistennija li jirrikjedu profili b'livell għoli ta' ħiliet. Id-disparitajiet bejn il-ġeneri jikkontribwixxu għal dawn in-nuqqasijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-forza tax-xogħol fix-xjenza u l-ingerija, u fis-settur tal-intrapriżi tan-negozju. In-nuqqasijiet jirriflettu wkoll l-ostakli għall-użu sħiħ tal-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jirrisjedu fl-Unjoni, inklużi l-isfidi bir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-aċċess limitat għall-impjegi li jaqblu mal-profilu tagħhom. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-startups huma affettwati b'mod sproporzjonat minn dawn in-nuqqasijiet u jiffaċċjaw diffikultajiet biex jattiraw it-talent meħtieġ biex jespandu u jikkompetu globalment<sup>1</sup>.
- (4) Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol proprja tal-Unjoni tibqa' essenzjali. Madankollu, l-attrazzjoni ta' individwi tas-sengħa u innovattivi minn barra l-Unjoni hija meħtieġa wkoll biex tiġi żgurata riżerva ta' talent sostenibbli li ssaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u tippermetti progress fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tagħha fil-prattika. F'ambjent globali dejjem aktar inċert, il-ftuħ, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u l-istituzzjonijiet demokratiċi

---

<sup>1</sup> Employment and Social Developments in Europe 2024 — Addressing Labour and Skills Shortages for Europe's Green and Digital Future (L-Indirizzar tan-Nuqqasijiet tax-Xogħol u tal-Ħiliet għall-Futur Ekoloġiku u Diġitali tal-Ewropa), il-Kummissjoni Ewropea, 2024.

b'saħħithom tal-Unjoni jikkostitwixxu fattur ewlieni ta' attraenza għal individwi tas-sengħa u innovattivi li jfittxu ambjent stabbli u miftuħ li jippermettilhom jgħixu, jaħdmu u joħolqu liberament.

- (5) Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil<sup>2</sup> jafferma mill-ġdid l-importanza li jiġu attirati l-ħiliet u t-talent lejn l-Unjoni. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni ressqet sett ta' miżuri leġiżlattivi, operazzjonali u li jħarsu 'l quddiem, inkluża proposta biex tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE<sup>3</sup> biex jiġi promoss ir-reklutaġġ internazzjonali, u l-istabbiliment ta' Sħubijiet ta' Talent biex jiġu promossi oqfsa ta' kooperazzjoni strutturati ma' pajjiżi sħab.
- (6) L-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' attrazzjoni tat-talent jenħtieġ li tiġi appoġġata minn kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, b'mod partikolari dwar is-sigurtà tad-dokumenti, il-ġestjoni tal-identità u l-iskambju ta' informazzjoni, anke biex jiġi indirizzat it-tħassib potenzjali tal-“eżodu ta' mħuħ”. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka, tikkontribwixxi għall-integrità tal-proċeduri ta' ammissjoni u tikkomplementa sħubijiet usa' tal-UE, inklużi Sħubijiet ta' Talent u involviment fil-kuntest tat-tkabbir u tal-viċinat. F'dan il-kuntest, il-Patt għall-Mediterran<sup>4</sup> isaħħaħ is-sinifikat tal-mobbiltà tat-talenti biex jinbnew sħubijiet komprensivi, anke billi titrawwem l-edukazzjoni għolja, tiġi promossa l-mobbiltà għall-istudenti u jiġi propost l-istabbiliment ta' Università Mediterranja.
- (7) L-Unjoni tal-Ħiliet<sup>5</sup> iddeskriviet ir-riżultati tanġibbli ewlenin fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali bl-oġettiv li tattira u żżomm ħiliet minn pajjiżi terzi biex tindirizza n-nuqqasijiet u tiżviluppa t-talent fl-Unjoni. Enfasizzat ukoll l-importanza li jiġu appoġġati l-integrazzjoni u l-ħajja tal-familja biex jiġu attirati u miżmuma ħaddiema tas-sengħa u riċerkaturi, inkluża l-ħtieġa li jiġu żviluppata karrieri attraenti fir-riċerka kif promoss mill-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi.
- (8) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li sal-2030, l-għadd annwali ta' studenti minn barra l-UE li jiġu biex jistudjaw u jiksbu lawrja fil-livell terzjarju fl-UE għandu jkun mill-inqas 350 000. Il-programm Erasmus+ huwa faċilitatur importanti tal-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' inizjattivi ewlenin bħall-Erasmus Mundus, l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u lawrja/tikketta Ewropea konġunta futura.
- (9) L-istrateġija għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET, Vocational Education and Training) li jmiss, imħabbra fl-Unjoni tal-Ħiliet, se tikkontribwixxi wkoll għall-attraenza tal-istudenti u l-gradwati tal-VET, li jistgħu jappoġġaw l-innovazzjoni tal-Unjoni.
- (10) L-inizjattiva “*Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza*”<sup>6</sup> tippromwovi l-Ewropa bħala destinazzjoni ta' eċċellenza għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-professjonisti internazzjonali, u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups<sup>7</sup> għandha l-għan li tagħmel lill-Ewropa l-aħjar post fid-dinja biex tniedi u tkabbar kumpaniji globali xprunati mit-teknoloġija, inklużi kumpaniji tat-teknoloġija profonda. Dawn l-inizjattivi, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA<sup>8</sup>, jenfasizzaw l-

---

<sup>2</sup> COM(2020) 609 final.

<sup>3</sup> COM(2023) 716 final.

<sup>4</sup> JOIN(2025) 26 final.

<sup>5</sup> COM(2025) 90 final.

<sup>6</sup> <https://euraxess.ec.europa.eu/jobs#choose-europe-for-science-new>.

<sup>7</sup> COM(2025) 270 final.

<sup>8</sup> COM(2025) 165 final.

importanza strateġika tas-setturi tat-teknoloġija profonda, tal-IA, tat-teknoloġija nadifa, tas-saħħa u diġitali għall-kompetittività u s-sovranità tal-Ewropa, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tattira l-professjonisti tas-sengħa li jmexxu 'l quddiem dawn is-setturi. L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie huma strument ewlieni biex jattiraw u jżommu t-talenti internazzjonali fl-Ewropa, filwaqt li jappoġġaw it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi mid-dinja kollha, fl-istadji kollha tal-karrieri tagħhom. Fl-aħħar nett, l-inizjattiva tal-UE "Blue Carpet", immedija mill-Istrateġija tal-UE dwar l-Startups u l-Scaleups, se tappoġġa l-attrazzjoni u ż-żamma ta' talent b'ħiliet għolja u varjat, b'enfasi fuq l-edukazzjoni intraprenditorjali, l-aspetti relatati mat-taxxa tal-opzjonijiet fuq l-ishma tal-impjegati u l-impjiegi transfruntiera.

- (11) Il-Kummissjoni toffri appoġġ permezz ta' inizjattivi kontinwi u ppjanati mmirati lejn it-tisħiħ tal-attrazzjoni tal-UE għat-talent, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet relatati "Agħżel l-Ewropa" għar-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn l-isforzi se jinkludu wkoll opportunitajiet ta' finanzjament u attivitajiet ta' komunikazzjoni biex it-talent jiġi infurmat dwar l-opportunitajiet ta' impjeg fi ħdan l-organizzazzjonijiet tar-riċerka tal-UE.
- (12) L-Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni li jmiss għandu l-għan li jżid u jaċċellera l-użu tal-innovazzjoni u jtejjeb l-ambjent regolatorju għall-kumpaniji innovattivi, inklużi l-istartups u l-iscaleups. Proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) se ssaħħa ukoll l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp, tallinja l-prijoritajiet ta' investiment tal-Unjoni u dawk nazzjonali, u tappoġġa l-mobbiltà tar-riċerkaturi lejn l-Unjoni u fiha. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għan-Nisa fir-Riċerka, l-Innovazzjoni u n-Negozji Ġodda se jindirizza d-disparitajiet persistenti bejn il-ġeneri li jlimitaw il-mobilizzazzjoni sħiħa tat-talent u l-potenzjal tal-innovazzjoni, bl-għan li l-UE tiġi stabbilita bħala l-aktar post attraenti fid-dinja għan-nisa f'dawn l-oqsma sal-2030.
- (13) L-attrazzjoni ta' talent internazzjonali għall-innovazzjoni u l-kompetittività hija wkoll wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-istrateġija tal-politika tal-UE dwar il-viżi<sup>9</sup>, li tistabbilixxi qafas għal politika dwar il-viżi li tavvanza l-interessi fit-tul tal-Ewropa, billi ssaħħa is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, trawwem il-prosperità u l-kompetittività tal-UE, u tipproġetta l-pożizzjoni u r-reżiljenza tal-Ewropa fix-xena globali.
- (14) Jenħtieġ li l-Unjoni timplimenta l-azzjonijiet diġà mnedija, u żżid l-isforzi tagħha billi tiegħu miżuri addizzjonali biex issir destinazzjoni attraenti għat-talent internazzjonali li l-ħiliet, l-għarfien jew l-attivitajiet tiegħu jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-ekosistemi tal-innovazzjoni tagħha. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jtejjbu l-aċċess għall-oqfsa tal-Unjoni u dawk nazzjonali għall-istudju, ir-riċerka, l-impjiegi bi kwalifiki u ħiliet għoljin, il-fundaturi ta' startups u l-intraprendituri innovattivi u l-implimentazzjoni tagħhom.
- (15) Il-flessibbiltà prevista mill-qafas legali tal-Unjoni jenħtieġ li tintuża biex taċċellera u tiffaċilita l-ammissjoni tat-talent internazzjonali u żżid l-attrazzjoni tal-Unjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn miżuri operazzjonali kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali.

---

<sup>9</sup> COM(2026) 43.

- (16) *L-acquis* tal-Unjoni jipprovdi qafas biex jiġi attirat u jinżamm it-talent minn pajjiżi terzi. Id-Direttiva (UE) 2016/801 (“id-Direttiva dwar l-Istudjanti u r-Riċerkaturi”)<sup>10</sup> tarmonizza l-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza għall-istudenti u r-riċerkaturi, filwaqt li tiffaċilita l-mobbiltà u l-opportunitajiet ta’ wara l-istudju u r-riċerka; Id-Direttiva (UE) 2021/1883 (“id-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE”)<sup>11</sup> tistabbilixxi regoli komuni għall-ammissjoni u d-drittijiet ta’ ħaddiema bi kwalifiki għoljin. Dawn ir-regoli huma kkomplementati mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE (“id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja”)<sup>12</sup> li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja, element li għandu rwol importanti biex jattira u jżomm it-talent barrani u jippromwovi l-integrazzjoni fit-tul.
- (17) Proċeduri twal, diffikultajiet għall-ħaddiema b’talent biex jaċċessaw il-konsulati, nuqqas ta’ informazzjoni u skemi nazzjonali kumplessi, inklużi dawk għall-fundaturi ta’ startups u l-intraprendituri innovattivi, ikomplu jdgħajfu l-effettività tal-qafas tal-Unjoni, u jillimitaw l-attraenza u l-viżibbiltà tiegħu fil-livell globali. Inaqqsu wkoll l-impatt tal-isforzi tal-Unjoni f’oqsma oħra, bħall-edukazzjoni, ir-riċerka, jew l-innovazzjoni.
- (18) Biex jiġi attirat talent internazzjonali lejn l-Unjoni, huwa essenzjali li jkun hemm proċeduri ta’ ammissjoni rapidi, trasparenti u prevedibbli. Jistgħu jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex il-proċessi ta’ ammissjoni jsiru aktar sempliċi u prevedibbli, jitqassru l-ħinijiet tal-ipproċessar, u jiġi żgurati li s-sistemi konsulari u amministrattivi jkunu mgħammra b’mod adegwat biex jitrattaw l-applikazzjonijiet b’mod effiċjenti filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji kontra l-użu ħażin potenzjali, inkluż permezz tal-appoġġ tal-finanzjament tal-Unjoni.
- (19) It-tiżiħ tal-perspettivi fit-tul huwa kruċjali biex jiġu attirati u miżmuma r-riċerkaturi, l-istudenti internazzjonali, il-ħaddiema bi kwalifiki u ħiliet għoljin, u l-fundaturi ta’ startups u l-intraprendituri innovattivi. Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE (id-“Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul”)<sup>13</sup> tagħti l-possibbiltà li jinkiseb status ta’ resident għal żmien twil tal-UE wara ħames snin ta’ residenza legali u kontinwa fi Stat Membru, u tappoġġa talent mobbli ħafna bħar-riċerkaturi u l-ħaddiema b’ħiliet għolja. Il-proposta tal-Kummissjoni<sup>14</sup> għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul tkompli tikkontribwixxi biex l-Unjoni ssir aktar attraenti.
- (20) L-iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi huwa wkoll kruċjali biex il-politiki ta’ attrazzjoni u żamma jirnexxu. L-Inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet li għandha tiġi adottata fl-2026 se tesplora

<sup>10</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta’ skambju ta’ skulari jew proġetti edukattivi u au pairing, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/801/oj>).

<sup>11</sup> Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-fini ta’ impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1-38. (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2021/1883/oj>).

<sup>12</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12, (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/86/oj>), filwaqt li d-Direttiva (UE) 2016/801 (għar-riċerkaturi) u d-Direttiva (UE) 2021/1883 jipprovdu regoli aktar favorevoli.

<sup>13</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/109/oj>).

<sup>14</sup> COM(2022) 650 final.

jekk tipproponix regoli komuni għal proċeduri aktar sempliċi għat-trattament tar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

- (21) It-titjib tal-ġhoti ta' informazzjoni lit-talent barra mill-pajjiż, it-tisħiħ tal-koordinazzjoni fost l-educazzjoni, it-taħriġ, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-atturi tal-innovazzjoni u l-iżgurar ta' kapaċità amministrattiva adegwata huma essenzjali biex il-proċeduri jsiru aktar rapidi, aktar trasparenti u effettivi.
- (22) Jenħtieġ li jiġu ppreżentati rakkomandazzjonijiet immirati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tat-talent għall-Unjoni u għall-Istati Membri u jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' applikazzjoni, jissaħħu l-miżuri biex jiġi attirat u jinżamm it-talent internazzjonali li jista' jikkontribwixxi għall-kompetittività u t-tkabbir tal-Unjoni, jissaħħu l-kapaċità u l-aċċess għall-informazzjoni u jiġu promossi l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni.
- (23) Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali residenti fl-UE jew ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni spostati f'pajjiż terz jista' jkollhom ukoll il-ħiliet li s-suq tax-xogħol Ewropew jeħtieġ jew ikollhom potenzjal qawwi ta' innovazzjoni. Madankollu, jistgħu jiffaċċjaw sfidi speċifiċi biex jaċċessaw permessi ta' residenza għall-fini ta' studju, riċerka u impjeg bi kwalifiki għoljin. Dan jinkludi l-indirizzar ta' kwistjonijiet b'aċċess għal proċeduri ta' rikonnoxximent għal diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali barranin, b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn ikun hemm nuqqas ta' evidenza dokumentarja jew inabbiltà li jiġu ssodisfati l-kostijiet relatati mal-proċeduri ta' rikonnoxximent. L-esperjenza żviluppata minn perkorsi komplementari relatati max-xogħol jew l-educazzjoni, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE<sup>15</sup>, tista' tintuża f'dan ir-rigward.
- (24) Jenħtieġ li jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attrazzjoni tat-talent għall-innovazzjoni bejn l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz ta' taġħlim reċiproku u skambju ta' prattiki tajba. Jenħtieġ li tiġi stabbilita Pjattaforma ta' Attrazzjoni tat-Talent għall-Innovazzjoni biex tlaqqa' flimkien esperti minn fora eżistenti dwar il-migrazzjoni, l-impjiegi, l-educazzjoni u l-innovazzjoni bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji, tiġi żgurata l-koordinazzjoni, u tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.
- (25) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis fuq bażi regolari l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, mill-2026, anke biex tivvaluta jekk humiex meħtieġa aġġustamenti leġiżlattivi mmirati biex il-proċeduri jsiru aktar sempliċi u aktar reattivi għall-ambizzjonijiet tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-UE. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mistiedna jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar inizjattivi, riformi, prattiki tajbin u statistika nazzjonali rilevanti.
- (26) Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiffoka fuq oqfsa ta' ammissjoni u residenza għal soġġorni ta' aktar minn 90 jum. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw il-miżuri ta' din ir-Rakkomandazzjoni għall-kategoriji rilevanti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża li jżuru l-UE għall-fini ta' studju, riċerka jew negozju, għal

---

<sup>15</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u perkorsi komplementari oħra, ĠU L 317, 1.10.2020, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2020/1364/oj>).

soġġorni sa 90 jum f'perjodu ta' 180 jum, dment li dan ikun konformi mal-qafas legali applikabbli tal-UE dwar viżi għal żmien qasir<sup>16</sup>.

- (27) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal finijiet ta' xogħol, f'konformità mal-Artikolu 79(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**JIRRAKKOMANDA:**

## **L-IFFAĊILITAR TAL-AĊĊESS GĦALL-UNJONI U GĦALL-ISTATI MEMBRI U S-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-PROĊEDURI TA' APPLIKAZZJONI GĦAT-TALENT**

**Miżuri li jiffaċilitaw is-sottomissjoni u l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza**

1. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu proċeduri ta' applikazzjoni sempliċi, rapidi, trasparenti u diġitalizzati biex jinċentivaw lill-ħaddiema bi kwalifiki għoljin u b'ħiliet għolja, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lill-impjegaturi biex jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' mobbiltà internazzjonali.
2. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu lill-applikanti jissottomettu applikazzjonijiet mill-bogħod jew wiċċ imb wiċċ. Jenħtieġ li l-ħatriet wiċċ imb wiċċ ikunu meħtieġa biss fejn strettament meħtieġ, pereżempju biex jipprovdu bijometrika jew f'każ ta' dubji raġonevoli li ċittadini ta' pajjiżi terzi jirrisjedu fl-Unjoni għal finijiet oħra għajr dawk li għalihom japplikaw biex jiġu ammessi. Meta jkunu meħtieġa applikazzjonijiet wiċċ imb wiċċ, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' slots tal-appuntamenti suffiċjenti u faċilment aċċessibbli għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, l-intervisti u l-ġbir ta' viżi għal soġġorn twil jew permessi ta' residenza.
3. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri biex jiffaċilitaw is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn salvagwardji xierqa biex jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkunux ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika, u biex jipprevjenu l-abbuż u l-frodi, inkluż permezz tal-verifika tal-awtentiċità u l-affidabbiltà tal-entitajiet ospitanti u tal-impjegaturi, tad-dokumenti ta' sostenn, u tal-profil tal-applikanti li jfittxu li jwettqu riċerka, studju jew ħidma f'oqsma ta' importanza strateġika (eż. id-difiża, l-enerġija nukleari, l-intelligence, eċċ.). Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu wkoll mekkaniżmi ta' monitoraġġ proporzjonati wara li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu daħlu fit-territorju tagħhom biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' ammissjoni jkomplu jiġu ssodisfati, inkluż il-monitoraġġ li ma jkun hemm l-ebda riskju ġdid għas-sigurtà pubblika u l-ordni pubbliku, b'mod partikolari r-riskji ta' ħrib tat-teknoloġija.
4. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' applikazzjoni online li jkunu faċli għall-utent, effiċjenti, u li jippermettu skambju u koordinazzjoni siguri u

<sup>16</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj>).

interoperabbli tad-data<sup>17</sup> bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

5. L-Istati Membri huma mħeġġa jgħbru u jikkoordinaw ir-riżorsi konsulari f'pajjiżi terzi, fejn rilevanti, biex jindirizzaw il-kapaċitajiet limitati tal-awtoritajiet konsulari. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi taqsimiet tal-viża kondiviżi jew konġunti, li jipprovdu informazzjoni mmirata dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni u jiffaċilitaw il-proċeduri tal-viża għal soġġorn twil u tal-permessi ta' residenza għal studenti, riċerkaturi, ħaddiema bi kwalifiki għoljin u tas-sengħa internazzjonali, fundaturi ta' startups ġodda u intraprendituri innovattivi. Dawn it-taqsimiet iddedikati jistgħu jiġu stabbiliti f'kooperazzjoni mad-Delegazzjonijiet tal-UE, l-aġenziji nazzjonali tal-innovazzjoni u l-kmamar tal-kummerċ, u jistgħu jospitaw ukoll attivitajiet promozzjonali.
6. Meta Stat Membru ma jkollux rappreżentanza diplomatika jew konsulari f'pajjiżi terzi, jenħtieġ li jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilita s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, pereżempju permezz ta' sistema għas-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet jew permezz ta' arranġamenti ta' rappreżentanza ma' Stati Membri oħra preżenti f'dak il-pajjiżi terzi.

### **Miżuri biex jitrawmu kundizzjonijiet ta' ammissjoni aktar sempliċi**

7. Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw proċeduri ta' approvazzjoni jew rikonoxximent għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-impjegaturi biex jeżentaw lill-applikanti minn ċerti rekwiżiti dokumentarji, bl-użu tal-possibiltajiet previsti fl-Artikoli 9 u 15 tad-Direttiva (UE) 2016/801 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2021/1883. Għal finijiet ta' trasparenza u biex jiġi żgurat li l-applikanti jkunu konxji mill-faċilitazzjonijiet ipprovdu lil organizzazzjonijiet ta' riċerka, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u impjegaturi approvati u rikonoxxuti, jenħtieġ li l-Istati Membri jippubblikaw regolarment listi aġġornati ta' entitajiet ospitanti u ta' appoġġ approvati u impjegaturi rikonoxxuti fuq l-istess siti web fejn l-applikanti jistgħu jsibu informazzjoni dwar viżi għal soġġorn twil u proċeduri ta' permess ta' residenza.
8. Jenħtieġ li l-Istati Membri jnaqqsu d-dokumenti jew l-evidenza li l-applikanti jeħtieġ li jippreżentaw meta japplikaw għal studju, riċerka jew impjieg bi kwalifiki għoljin u b'ħiliet f'organizzazzjoni ta' riċerka approvata, istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja jew għal impjegatur rikonoxxut, kif permess skont l-Artikoli 8(3) u 11(3) tad-Direttiva (UE) 2016/801 u l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2021/1883. Bħala minimu, jenħtieġ li l-Istati Membri jeżentaw lill-applikanti milli jipprovdu dokumenti li jkunu diġà ġew ivverifikati mill-entità ospitanti jew minn awtorità kompetenti oħra, bħal prova ta' akkomodazzjoni, traduzzjonijiet ta' diplomi, prova ta' assigurazzjoni tal-mard, testijiet tas-suq tax-xogħol jew dokumentazzjoni oħra ta' sostenn ivvalutata qabel matul il-proċess ta' approvazzjoni jew rikonoxximent.
9. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu fl-Unjoni għall-fini ta' studju, riċerka jew impjieg bi kwalifiki u ħiliet għoljin spiss ma jkunux jafu l-indirizz futur tagħhom fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom u lanqas ma jkunu jistgħu jikru akkomodazzjoni xierqa mingħajr kuntratt ta' impjieg iffirmit u viża valida għal soġġorn twil jew permess ta' residenza. Jenħtieġ li l-Istati Membri joqogħdu lura

---

<sup>17</sup> L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' applikazzjoni tal-Istati Membri tista' tiġi ffaċilitata billi jitqiesu r-riżorsi rilevanti fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli.

milli jirrikjedu li l-istudenti, ir-riċerkaturi u l-ħaddiema bi kwalifiki għoljin jipprovdu indirizz fl-Istat Membru inkwistjoni fil-mument tal-applikazzjoni, inkluż indirizz temporanju, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2016/801 u l-Artikolu 5(7) tad-Direttiva (UE) 2021/1883.

10. Sabiex il-Karta Blu tal-UE ssir aktar aċċessibbli għal talent innovattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw:
  - l-applikazzjoni ta' limiti tas-salarju aktar baxxi għal okkupazzjonijiet li jiffaċċjaw nuqqasijiet strutturali u għal gradwati universitarji reċenti, fil-marġini permessi mill-Artikolu 5(4) tad-Direttiva (UE) 2021/1883; u
  - l-aċċettazzjoni tal-esperjenza professjonali rilevanti minflok il-kwalifiki formali matul il-proċedura tal-applikazzjoni f'setturi strateġiċi għall-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Unjoni lil hinn mis-settur tal-ICT elenkat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/1883, f'konformità mal-Artikolu 2(9)(b) tad-Direttiva.

### **Miżuri biex jitqassru l-ħinijiet tal-ipproċessar**

11. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ffaċilitati jew rapidi għall-fundaturi ta' startups u għall-intraprendituri innovattivi biex jiksbu viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, f'kooperazzjoni mal-atturi tal-innovazzjoni rikonnoxxuti jew approvati mill-awtoritajiet nazzjonali (eż. inkubaturi ċċertifikati, aċċelleraturi, aġenziji tal-innovazzjoni, parks tat-teknoloġija). Jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari japplikaw proċeduri ffaċilitati jew rapidi għal fundaturi ta' startups u SMEs u intraprendituri innovattivi li jipparteċipaw fi programmi ta' innovazzjoni nazzjonali jew appoġġati mill-UE bħal Orizzont Ewropa, inkluż il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, EUREKA Eurostars jew li jipparteċipaw fi proġetti appoġġati minn InvestEU.
12. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (inklużi applikazzjonijiet għal tiġdid) ta' studenti, riċerkaturi u ħaddiema bi kwalifiki u ħilet għoljin internazzjonali fis-setturi STEM u setturi oħra relatati mal-innovazzjoni, kif ukoll ta' fundaturi ta' startups u intraprendituri innovattivi, malajr kemm jista' jkun u huma mħeġġa jagħmlu dan fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni.
13. F'konformità wkoll mal-oġġettivi stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Ewropa Attiva<sup>18</sup>, jenħtieġ li l-Istati Membri jipproċessaw l-applikazzjonijiet ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (inkluż it-tiġdid) ta' studenti u riċerkaturi internazzjonali li jiġu fl-Unjoni taħt programmi ffinanzjati mill-Unjoni, bħall-Erasmus +, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u skemi oħra mfassla biex jattiraw timijiet tar-R&I b'talent, malajr kemm jista' jkun, u huma mħeġġa jagħmlu dan fi żmien 30 jum mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.
14. Jenħtieġ li l-Istati Membri joqogħdu lura milli jitolbu fi stadji differenti tal-proċedura ta' ammissjoni dokumentazzjoni mhux essenzjali li tkun diġà ġiet ippreżentata fi stadju preċedenti tal-proċedura, bħal kopji ta' kuntratti ta' impjieg, prova ta' akkomodazzjoni, traduzzjonijiet uffiċjali jew legalizzazzjoni ta' diplomi, u jenħtieġ li

---

<sup>18</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva" — opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd, ĠU C, C/2024/3364, 14.6.2024.

jaġixxu abbażi ta' fiduċja reċiproka fl-awtentiċità u l-preċiżjoni tad-dokumenti pprovduti. Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2016/801, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jaċċettaw dokumentazzjoni f'lingwi uffiċjali tal-Unjoni minbarra l-lingwi uffiċjali tagħhom, jew tal-inqas bl-Ingliż.

15. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu lill-applikanti studenti internazzjonali jibdeu proċeduri ta' immigrazzjoni qabel il-ħlas tal-miżati sħaħ għat-tagħlim, dment li tingħata l-prova tal-ħlas tal-ammont sħiħ sa mhux aktar tard minn meta tinħareġ il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza.
16. Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza biss fit-territorju tagħhom u l-applikanti jeħtieġu viża biex jidħlu fit-territorju, jenħtieġ li l-Istati Membri jipproċessaw il-ħruġ tal-viża meħtieġa malajr kemm jista' jkun, u fl-istess limitu ta' żmien ġenerali ta' 30 jum irrakkomandat skont il-punti 12 u 13 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Jenħtieġ li dan il-limitu ta' żmien ikopri wkoll iż-żmien meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xoġhol, fejn applikabli.
17. L-Istati Membri huma mħeġġa ma japplikawx testijiet tas-suq tax-xoġhol għar-riċerkaturi u għall-ħaddiema bi kwalifiki għoljin u b'ħiliet għolja, sakemm dan ma jkunx meħtieġ kif xieraq, u ma japplikawhomx għat-tiġdid tal-permess ta' residenza jew f'każijiet ta' mobbiltà intra-UE. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll ma japplikawx testijiet tas-suq tax-xoġhol għal okkupazzjonijiet li qed jiffaċċjaw nuqqas strutturali ta' ħaddiema u għal dawk li jikkontribwixxu għall-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, inkluż fis-setturi relatati mas-STEM. Meta jitwettqu, jenħtieġ li t-testijiet tas-suq tax-xoġhol ikunu rapidi, proporzjonati u trasparenti.

## **MILL-ATTRAZZJONI GĦAŻ-ŻAMMA, IŻ-ŻAMMA TAT-TALENT INTERNAZZJONALI FL-UNJONI**

### **Miżuri biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' impjieg intraprenditorjali u fit-tul**

18. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost l-istudenti u r-riċerkaturi internazzjonali dwar il-possibbiltà tagħhom li jibqgħu fit-territorju tagħhom għal mill-inqas disa' xhur wara li jlestu l-istudji jew ir-riċerka bl-għan li jfittxu impjieg jew li jstabbilixxu negozju, kif previst fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2016/801. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż, fejn rilevanti, biex il-gradwati u r-riċerkaturi jingħataw biżżejjed żmien biex isibu impjieg li jaqbel mal-livell ta' ħiliet tagħhom jew biex iniedu attività intraprenditorjali.
19. Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 15(5) tad-Direttiva (UE) 2021/1883, li jippermettu lid-detenturi ta' Karta Blu tal-UE jinvolvu ruħhom f'attivitajiet professjonali oħra li huma komplementari għall-attività ewlenija tagħhom bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, mingħajr ma dan jaffettwa d-drittijiet ta' residenza tagħhom bħala detenturi ta' Karta Blu tal-UE. Din il-flessibbiltà hija partikolarment rilevanti fl-ICT u f'setturi oħra mmexxija mill-innovazzjoni, fejn tista' thegheg lill-ħaddiema bi kwalifiki u ħiliet għoljin jittestjaw u jiżviluppaw proġetti intraprenditorjali filwaqt li jżommu l-attività ewlenija tagħhom taħt l-istatus tagħhom ta' detentur ta' Karta Blu tal-UE.

### **Miżuri biex jinżamm it-talent**

20. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess ta' studenti, riċerkaturi, ħaddiema bi kwalifiki u ħiliet għoljin, fundaturi ta' startups u intraprendituri innovattivi

internazzjonali ewlenin għal servizzi u networks ta' appoġġ nazzjonali u fil-livell tal-UE rilevanti biex jgħinuhom jistabbilixxu ruħhom u jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom fl-UE. EURAXESS diġà hija punt ta' referenza għar-riċerkaturi. Aktar appoġġ għall-innovazzjoni jista' jinkludi:

- informazzjoni dwar programmi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju u ta' mentoraġġ għal fundaturi ta' startups u intraprendituri innovattivi;
- l-iżvilupp tal-karriera, inklużi servizzi ta' tfittix ta' impjieg u ta' kollokament għal gradwati u akkademiċi internazzjonali;
- il-promozzjoni tal-edukazzjoni intraprenditorjali, kif ukoll inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-professionisti;
- appoġġ biex tinstab akkomodazzjoni, informazzjoni dwar il-kiri ta' proprjetà, it-trattament ma' fornituri ta' akkomodazzjoni u amministrazzjonijiet lokali;
- appoġġ għat-tagħlim jew it-titjib tal-ħiliet lingwistiċi;
- assistenza fil-formalitajiet amministrattivi, inklużi r-reġistrazzjoni lokali, it-tassazzjoni, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, u s-sigurtà soċjali;
- appoġġ għall-konjuġi jew għas-sħab, għall-fini ta' tiftix ta' impjieg jew ta' twaqfif ta' negozju, inkluż taħriġ lingwistik;
- l-iffaċilitar tal-indukrar tat-tfal u r-reġistrazzjoni fl-iskejjel għat-tfal, mill-istadji bikrija u matul is-sena, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-istudji preċedenti jiġu rikonossuti kif xieraq bħala ekwivalenti.

21. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-riċerkaturi eliġibbli, il-ħaddiema bi kwalifiki u ħiliet għoljin, il-fundaturi ta' startups u l-intraprendituri innovattivi jkunu jistgħu jaċċessaw b'mod effettiv l-istatus ta' resident għal żmien twil tal-UE. Biex jagħmlu dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni ċara dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, il-proċeduri u d-drittijiet marbuta magħhom, u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, l-entitajiet ospitanti u ta' appoġġ biex jivverifikaw il-perjodi ta' residenza u l-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni.
22. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għall-istatus ta' resident għal żmien twil tal-UE għad-detenturi ta' Karta Blu tal-UE, kif previst fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2021/1883, billi jippermettu l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' residenza kkompletati fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jiffaċilitaw ukoll l-aċċess għall-istatus ta' resident għal żmien twil tal-UE għal eks studenti internazzjonali li jibqgħu fl-UE wara li jiggradwaw, u wara li jsibu impjieg. F'dawk il-każijiet, kif permess mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu nofs il-perjodi ta' residenza għal skopijiet ta' studju fil-kalkolu tal-perjodu ta' ħames snin meħtieġ biex jinkiseb l-istatus ta' resident għal żmien twil tal-UE.
23. Jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw l-istess ħinijiet tal-ipproċessar ta' 30 jum kif previst fil-punti 12 u 13 għall-membri tal-familja li jakkumpanjaw lir-riċerkaturi u l-ħaddiema bi kwalifiki għoljin, li jistgħu japplikaw għal permess ta' residenza fl-istess ħin bħar-riċerkatur jew il-ħaddiem bi kwalifiki għoljin, f'konformità mal-Artikolu 26(4) tad-Direttiva (UE) 2016/801 u l-Artikolu 17(4) tad-Direttiva (UE) 2021/1883. Jenħtieġ li r-riċerkaturi u l-ħaddiema bi kwalifiki għoljin jiġu infurmati dwar din il-possibbiltà kif ukoll dwar id-drittijiet tal-membri tal-familja li jaċċessaw is-suq tax-xogħol, is-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

## Miżuri biex titrawwem il-mobbiltà intra-UE

24. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-applikanti dwar il-possibbiltà ta' mobbiltà intra-UE ta' studenti, riċerkaturi u detenturi tal-Karta Blu tal-UE internazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni jiġu infurmati dwar ir-regoli tal-mobbiltà intra-UE.
25. Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà prevista fl-Artikoli 27 sa 31 tad-Direttiva (UE) 2016/801 u fl-Artikoli 20, 21 u 22 tad-Direttiva (UE) 2021/1883 biex jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-proċeduri għall-mobbiltà intra-UE. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw:
- jippermettu l-mobbiltà ta' studenti internazzjonali mingħajr il-ħtieġa li l-istudent jew l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Membri<sup>19</sup>;
  - jippermettu l-mobbiltà għal żmien qasir tar-riċerkaturi (u tal-membri tal-familja tagħhom) mingħajr ma jkun meħtieġ li r-riċerkatur u l-organizzazzjoni tar-riċerka jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti, kif previst fl-Artikoli 28 u 30 tad-Direttiva (UE) 2016/801;
  - li d-detenturi ta' Karta Blu tal-UE jitħallew iwettqu attivitajiet ta' negozju matul moviment ta' mobbiltà intra-UE għal żmien qasir, minbarra l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva (UE) 2021/1883, pereżempju l-parteċipazzjoni fi proġetti ta' innovazzjoni, attivitajiet ta' mentoraġġ jew ta' kondivizzjoni tal-għarfien, impenji intraprenditorjali (eż. inkubazzjoni ta' startups, programmi ta' aċċellerazzjoni, tnedija jew sħubija f'kumpanija innovattiva), u inkarigi temporanji ta' taġġim jew riċerka f'universitajiet jew f'organizzazzjonijiet ta' riċerka. Jenħtieġ li l-lista ta' tali attivitajiet tiġi aġġornata regolarment u ssir aċċessibbli, f'konformità mal-Artikolu 24(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2021/1883;
  - jużaw il-proċedura ta' notifika simplifikata għall-mobbiltà fit-tul tar-riċerkaturi u tal-membri tal-familja tagħhom, kif previst fl-Artikoli 29(1)(a) u 30(2) tad-Direttiva (UE) 2016/801, minflok il-proċedura li teħtieġ applikazzjoni ġdida;
  - jillimitaw id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-mobbiltà intra-UE ta' studenti, riċerkaturi u detenturi ta' Karta Blu tal-UE internazzjonali u l-membri tal-familja tagħhom għal elementi essenzjali, bħal dokument tal-ivvjaġġar validu u awtorizzazzjoni maħruġa mill-ewwel Stat Membru. Dokumenti oħra bħal prova ta' assigurazzjoni kontra l-mard, riżorsi jew indirizz ma jenħtieġx li jergġhu jintalbu sakemm ma jkunx strettament meħtieġ. Jenħtieġ li d-dokumenti jiġu aċċettati bl-Ingliż.

## IT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ U L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI, IL-PROMOZZJONI TA' MEKKANIŻMI TA' KOORDINAZZJONI

### Miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva

<sup>19</sup> L-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2016/801 jipprevedi li huwa fakultattiv għat-tieni Stat Membru (fejn l-istudenti beħsiebhom iwettqu parti mill-istudji tagħhom) li jirrikjedi proċedura ta' notifika għall-mobbiltà tal-istudenti.

26. Jenħtieġ li l-Istati Membri jgħammru lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi r-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari, b'riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex jittrattaw l-applikazzjonijiet b'mod effiċjenti, b'mod partikolari f'postijiet li jirċievu volumi kbar ta' applikazzjonijiet u matul il-perjodi staġjonali l-aktar intensivi (eż. ix-xhur ta' qabel il-bidu tas-sena akkademika).
27. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-persunal rilevanti, b'mod partikolari l-persunal konsulari, jirċievi taħriġ regolari u komprensiv dwar il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti, filwaqt li jagħtu pariri lill-applikanti biex jiżguraw applikazzjonijiet f'waqthom u kompluti.
28. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-istrumenti disponibbli tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF, Asylum, Migration and Integration Fund), biex jappoġġaw il-bini tal-kapaċità, it-tisħiħ u t-taħriġ tal-persunal, kif ukoll l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument) biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riformi strutturali meħtieġa biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tittejjeb il-koordinazzjoni transsettorjali, u l-programm ta' riċerka Orizzont Ewropa biex jappoġġa l-ġbir ta' evidenza u data rilevanti<sup>20</sup>.

### **Miżuri biex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni**

29. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni ċara dwar id-dokumenti meħtieġa għal viża għal soġġorn twil jew applikazzjoni għal permess ta' residenza, inklużi eżempji ta' evidenza ammissibbli għal rekwiżiti bħal "*riżorsi suffiċjenti*", kif ukoll dwar l-iskeda ta' żmien tal-proċedura ta' applikazzjoni għal viża u permess ta' residenza.
30. Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw u jippromwovu għodod u inizzjattivi nazzjonali u tal-UE eżistenti, biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni għal talent mhux tal-UE, bħall-Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni, l-Europe Startup Nations Alliance Opportunity Hub għall-fundaturi ta' startups, u l-Portali EURAXESS u l-Portal "Agħżel l-Ewropa" għar-riċerkaturi. Fit-tfassil u l-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-Kummissjoni se tfittex konverġenza bejn l-għodod u l-inizzjattivi eżistenti fil-livell tal-UE biex tippromwovi s-sinerġiji u s-simplifikazzjoni.
31. Fir-rigward tal-obbligu li l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u d-drittijiet ta' ammissjoni għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-ħaddiema bi kwalifiki għoljin issir faċilment aċċessibbli kif meħtieġ skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva (UE) 2016/801 u l-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2021/1883, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw portali online ċentralizzati b'punt uniku ta' dħul, disponibbli wkoll fuq applikazzjonijiet mobbli, b'kontenut multilingwi, FAQs, chatbots jew helplines. Jenħtieġ li dawn il-portali joffru gwida interattiva dwar it-tnejn tal-applikazzjonijiet u dwar aspetti prattiċi relatati mas-soġġorn fl-Istat Membru, bħall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-banek, u t-tassazzjoni. Il-parteċipazzjoni attiva mill-awtoritajiet nazzjonali u l-atturi tal-innovazzjoni hija essenzjali biex l-informazzjoni tinżamm preċiża, komprensiva u aġġornata. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkun jistgħu japplikaw ukoll direttament għall-viża għal soġġorn twil jew għall-permess ta' residenza fuq l-istess pjattaforma online.

<sup>20</sup> Ara l-proġetti ta' riċerka ta' Orizzont Ewropa ffinanzjati taħt is-suġġett *HORIZON-CL2-2023-TRANSFORMATIONS-01-03 (Approċċi innovattivi għas-šhubijiet tat-talent)*.

32. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw ma' pajjiżi sħab dwar miżuri biex isaħħu s-sigurtà tad-dokumenti, il-ġestjoni tal-identità u l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll biex jindirizzaw tħassib potenzjali ta' "eżodu ta' mħuħ". Din il-kooperazzjoni tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka u l-integrità tal-proċeduri ta' ammissjoni, filwaqt li tikkomplementa l-inizjattivi taħt sħubijiet komprensivi tal-UE, Sħubijiet ta' Talent, u kooperazzjoni mas-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat.

### **Miżuri biex tissaħħa il-koordinazzjoni**

33. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni, komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u tax-xogħol minn naħa waħda, u l-entitajiet ospitanti u ta' appoġġ, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-aċċelleraturi u l-inkubaturi tan-negozji ġodda, l-aġenziji tal-innovazzjoni u l-kmamar tal-kummerċ, min-naħa l-oħra. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jaħtru punti ta' kuntatt biex jiffaċilitaw skambji diretti u siguri mal-entitajiet ospitanti u ta' appoġġ.
34. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu arranġamenti, li skonthom l-entitajiet ospitanti u ta' appoġġ jistgħu jassistu lill-applikanti matul il-proċess ta' sottomissjoni biex jiżguraw li l-applikazzjonijiet ikunu kompluti qabel ma jintbagħtu lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni.
35. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-entitajiet ospitanti u ta' appoġġ dwar il-ħinijiet medji tal-ipproċessar biex jippermettu s-sottomissjoni f'waqtha tad-dokumenti meħtieġa (eż. arranġament ta' ospitar, prova ta' aċċettazzjoni mill-università) ferm minn qabel, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum qabel il-bidu tal-proġett ta' riċerka jew is-sena akkademika. Sabiex jiġi evitat dewmien amministrattiv u tiġi żgurata ammissjoni f'waqtha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kanali ta' informazzjoni diretti biex l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jiġu nnotifikati dwar dħul tardiv ta' studenti internazzjonali jew bidliet fid-dati tar-reġistrazzjoni.
36. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprijoritizzaw talbiet għal ammissjoni tardiva biex jippermettu lill-istudenti internazzjonali jivvjaġġaw qabel il-bidu tas-sena akkademika u jippermettu s-sottomissjoni bikrija ta' applikazzjonijiet għal viża għal soġġorn twil u għal permess ta' residenza biex jevitaw il-perjodi staġjonali l-aktar intensivi u jtaffu s-servizzi konsulari.

### **Appoġġ u governanza tal-Kummissjoni**

37. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni, inkluż mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħra, dwar miżuri biex jattiraw it-talent għall-innovazzjoni, inkluż permezz ta' taġħlim reċiproku u skambju ta' Prattiki tajba. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-Pjattaforma ta' Attrazzjoni tat-Talent għall-Innovazzjoni li l-Kummissjoni se torganizza biex tlaqqa' flimkien esperti dwar il-migrazzjoni, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni f'fora eżistenti — bħall-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Migrazzjoni Legali, il-Pjattaforma tal-Migrazzjoni tal-Ħaddiema, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-edukazzjoni għolja, u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni — biex jinħolqu sinerġiji, tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati, u tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.
38. Biex jappoġġaw il-monitoraġġ ta' din ir-Rakkomandazzjoni u l-attrazzjoni tat-talent għall-innovazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi, ir-riformi, il-prattiki tajbin u l-istatistika nazzjonali rilevanti, li dwarhom il-Kummissjoni se tieħu kont matul l-2026 — u fuq bażi regolari wara — anke fid-

dawl ta' aġġustamenti leġislattivi mmirati possibbli li jistgħu jkunu meħtieġa biex il-proċeduri jsiru aktar sempliċi u aktar reattivi għall-ambizzjonijiet tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-UE.

Magħmul fi Brussell, 29.1.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Magnus BRUNNER*  
*Membru tal-Kummissjoni*

**VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL**  
**Għas-Segretarju Ġenerali**

**Martine DEPREZ**  
**Id-Direttur**  
**Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità**  
**KUMMISSJONI EWROPEA**